Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2008

Numru. 169/2007

PULIZIJA
SPETTUR LOUISE CALLEJA
VS
MURAD MOHAMED ATTA
ASHRAF ABOBAKIR M. AL ASH-HAB

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Murad Mohamed Atta, ta' 23 sena, iben Mohamed u Atteka nee' Ali Abzlam, imwieled il-Libja nhar il-11 t'Awissu 1983, u residenti Mayflower Flats, Number 8, Triq Dun Guzepp Calleja, San Pawl il-Bahar, u detentur ta' passaport Libjan bin-numru 445336/7; kif ukoll Ashraf Abobakir M. Al Ash-hab, ta' 23 sena, iben Abobakir u Kablija, imwieled Gharian, il-Libja, fl-10 ta' Frar 1982, u residenti Mayflower Flats, Number 8, Triq Dun Guzepp Calleja, San Pawl il-Bahar, u detentur ta' passaport Libjan bin-numru 581162;
u akkuzati talli gewwa residenza Mayflower Flats, Number 8, Triq Dun Guzepp Calleja, San Pawl il-Bahar, u/jew fi

bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, nhar is-26 ta' Frar 2007 u fil-granet ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnhom ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe' talli :

1. Ikkommettew stupru fuq il-persuna ta' *omissis A*, minorenni ta' *omissis* sena, liema delitt sar bi hsara tal-persuna li ma kinitx tista' tirrezisti minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh jew raguni ohra indipendenti mill-eghmil taghhom u minhabba l-mezzi qarrieqa li huwa nqeghda bihom;

2. B'eghmil zieni ikkorompew lil *omissis A*, minorenni ta' *omissis* sena, u lil *omissis B*, minorenni ta' *omissis* sena;

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija minuri ahwa *omissis A* u *omissis B* u l-familja taghhom, u li tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, u dana ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat id-decizjoni taghha, (a fol 120), rigward l-eccezzjoni tad-Difiza, fis-sens illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kwerela skond il-Ligi u l-eccezzjoni dwar nullita' ta' 'video conference' illi inzamm fl-isptar Monte Carmeli, liema zewg eccezzjonijiet gew michuda.

Rat l-Artikli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema Artikli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputati.

Rat il-verbal tat-23 ta' Novembru 2007, fejn l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti.

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija tat-12 ta' Dicembru 2007.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Louise Calleja, jirrizulta illi fit-23 ta' Frar 2007, kien dahal rapport illi zewg tfajliet kienu neqsin mid-dar taghhom, minn missierhom *omissis C*. Dawn kienu *omissis A* ta' *omissis* sena u *omissis B* ta' *omissis* sena. Illi l-Vice Squad bdiet tfittxija intensiva ghar-rikoveru ta' dawn it-tfal u xi zmien wara kienet instabet it-tifla z-zghira *omissis B*. *Omissis B* infatti kienet infurmat lill-Pulizija illi hija u ohtha *omissis A* kienu marru joqoghdu ma' zewg persuni ta' nazzjonalita barranija gewwa Bugibba, u li *omissis A* kellha x'taqsam sesswalment ma' dawn iz-zewg irgiel barranin, u li *omissis B* kienet prezenti waqt li saru dawn l-atti sesswali. Dawn iz-zewg persuni ta' nazzjonalita barranija gew arrestati mill-Pulizija u gew indikati mill-Ufficjal Prosekutur bhala l-imputati f'dan il-kaz.

Spettur Louise Calleja, illi kompliet l-investigazzjoni in segwitu ta' dhul ta' l-Ispettur Raymond Aquilina fl-isptar, hadet l-istqarrija ta' Ashraf Abubaker Ash-hab, **li nnega dawn l-allegazzjonijiet kollha li sarulu**, pero' qal illi zewg tfajliet kienu gew ma' siehbu Murad Muhammed Atta fir-residenza taz-zewg imputati.

Spettur Louise Calleja, a fol 14, xehdet illi *omissis A* kienet kellmet lil WPC 24 u li *omissis A* kienet ikkonfermat ma' l-istess WPS 24 illi kellha x'taqsam sesswalment maz-zewg imputati. Iz-zewg tfajliet kienu gew ammessi fil-Young Persons Unit fi hdan l-isptar Monte Carmeli, u missierhom *omissis C* gie nfurmat b'dana kollu. Il-Qorti giet infurmata mill-Ufficjal Prosekutur illi l-Psikjatra taghhom, Dr Cassar, kien ta' l-opinjoni illi z-zewg minuri

ma kienux f'qaghda li jaghtu t-testimonjanza taghhom fil-Qorti.

In kontro ezami, mitluba biex tghid kemm–il darba l-atti sesswali illi twettqu fuq il-persuna ta' *omissis A* kienux bil-kunsens taghha u b'nuqqas ta' vjolenza u rezistenza, l-Ispettur Calleja xehdet li ma kinitx f' pozizzjoni li tirrispondi, stante li ma kinitx hi li hadet l-istqarrija tal-minuri.

WPC 24 Josephine Gauci, a fol 19 et seq, ikkonfermat illi hija kienet kellmet lill-minuri *omissis A* fis-26 ta' Frar 2007. WPC Gauci qalet illi *omissis A* kienet telqet mid-dar fit-23 ta' Frar 2007 ghal habta tas-sebgha u nofs ta' filghaxija. *Omissis A* u *omissis B* kienu kissru xi hgiega, bezghu u ghalhekk kienu harbu mid-dar. Kienu marru l-Belt iltaqghu ma' Gharbi, u raqdu ghandu l-Belt. Mistoqsija ghall-indirizz ta' dan l-Gharbi l-Belt, *omissis A* infurmat lil WPC Gauci illi ma kinitx taf fejn. ***Omissis A* infurmat lil WPC Gauci illi hija kellha relazzjonijiet sesswali wkoll ma' dan l-Gharbi u dana bil-volonta' pjena taghha**. Dan gara waqt illi ohtha *omissis B* kienet rieqda fis-sodda ma' genbha. *Omissis A* qalet lil WPC Gauci **illi hija kienet diga' kellha relazzjonijiet sesswali ma' dan l-Gharbi xi tliet gimghat qabel meta kienet regghet harbet mid-dar.** L-ghada fil-ghodu telqu mir-residenza ta' l-Gharbi u marru Bugibba bil-karozza tal-linja.

Qaghdu jduru ftit hemmhekk u **mbaghad raw zewg irgiel ta' nazzjonalita' Gharbija** cioe Ashraf u Murad. *Omissis A* qalet lil WPC 24 illi hija kienet qalet lil Murad illi kienu harbu mid-dar u dan kien hadhom fir-residenza tieghu u telaq ghax-xoghol. Meta gew lura Murad u Ashraf ghal l-erbgha u kwart ta' filghaxija, hadu xi haga ta' l-ikel u qaghdu jaraw it-'television'. *Omissis A* infurmat lil WPC 24 illi kienu qabdu zewg sodod u poggewhom hdejn xulxin u dak il-lejl kienu raqdu fuqhom, l-erbgha li huma, u cioe', Ashraf, Murad, *omissis A* u *omissis B*. **Il-Hadd, *omissis A* stqarriet illi Murad kien saqsiha biex ikollu x'jaqsam maghha u hi accettat. Ohtha kienet fl-istess kamra u ghattiet wiccha "u kultant hi, *omissis A*, bdiet tittawal biex tara jekk ohtha hiex qed tittawwal. Ashraf kien**

**qed ihares lejhom u jteftef ukoll lil *omissis A* u cioe' jaqbilha l-partijiet taghha privati b'idejh". (ara xhieda a fol 21).**

*Omissis A* kompliet tghid lil WPC 24 **illi Murad u Ashraf imbaghad bdew jghidulha biex tehles minn ohtha *omissis B* u biex tibghatha lura d-dar.** U ghaldaqstant gie deciz illi irikkbu lil *omissis B* tal-linja biex din tmur il-Belt. *Omissis B* irnexxilha tmur tasal sa Bormla fejn marret tfittex lil ommha. Meta ma sabitiex marret l-Ghassa ta' Bormla. Nel frattemp gol-flat ta' Bugibba, *omissis A* infurmat lil WPC 24 **illi Murad u Ashraf bdew isaqsuha ghal passaport sabiex johduha l-Libja maghhom. Wara dan Murad, Ashraf u *omissis A* kellhom x'jaqsmu sesswalment wiehed wara l-iehor fil-manjiera spjegata a fol 21. *Omissis A* infurmat lil WPC Gauci illi hija prattikat sess orali fuq Murad "hu nizzilli rasi, qaltli u jiena ma ridtx pero' baqa' jnizzilli rasi u Ashraf qaghad ihares u jbaghbas lili. Dan gara l-gurnata tal-Hadd. L-ghada t-Tnejn Ashraf u Murad marru lura ghax-xoghol u hadu maghhom xi pinnoli illi kienu fil-pussess ta' *omissis A* il-ghaliex hasbu li kienu xi drogi".** *Omissis A* stqarriet ma' WPC Gauci illi qabel ma marru x-xoghol il-gurnata tat-Tnejn, Murad u Ashraf kienu regghu saqsewha biex jehduha maghhom il-Libja, saqsewha kemm kellha zmien u ***omissis A* irrispondiet li kellha 18-il sena ser taghlaq dsatax.**

Ghal habta ta' xi nofsinhar, *omissis B*, akkumpanjatha minn missierha *omissis C*, marru jfittxu l-flat li indikatilhom l-istess *omissis B* fejn kienet qed toqghod *omissis A* u l-imputati. WPC Gauci kkonfermat illi *omissis A* u *omissis B* kienu harbu mid-dar xi tliet gimghat qabel dan l-incident. Mistoqsija jekk WPC 24 Gauci kellmitx ukoll lil *omissis B*, PC Gauci irrispondiet s-segwenti:

**"*Omissis B* kienet fl-istess kamra pero' kienet il-hin kollu fidgeting u ma tafx x' ha taqbad taghmel, qisha m' ghandiex kwiet f' gisimha t-tifla. Pero' meta bdiet tizbalja, *omissis A* bdiet tghidilha kif suppost graw l-affarijiet, jigifieri tikkoregi lil ohtha bdiet". (Ara xhieda fol 23 u 23).**

Meta giet misjuba *omissis A* minn missierha u membri tal-familja taghha, din ittiehdet l-isptar San Luqa fejn sarulha ezamijiet ginekologici. Imbaghad wara dan, giet rikoverata f' Mount Carmel.

Brian Magro, a fol 39, Kap tas-Segretarjat fil-Ministeru tal-Familja u Solidarjeta' Socjali, ikkonferma illi fuq *omissis B* u *omissis A* kienu hargu Care Orders fin-1997, u kkonferma li dawn it-tfal kienu vulnerabbli hafna u qeghdin taht kura ta' diversi professjonisti nkluz social workers ta' l-Appogg u l-Psikjatra Dr Joseph Cassar. A fol 39, Brian Magro ta l-awtorita' sabiex jigu rilaxxati l-professjonisti kollha nkluzi tobba u psikjatri sabiex ikunu jistghu jixhdu dwar il-qaghda tal-minuri *omissis A* u *omissis B*.

A fol 44, Dr Joseph Cassar Psikjatra, ikkonferma illi fiz-zmien li huwa kien qed jixhed, u cioe' f' April 2007, *omissis A* kienet pazjenta go Female Ward 1 ta' l-isptar Monte Carmeli, waqt li *omissis B* kienet pazjenta tal-Young People's Unit go l-isptar Monte Carmeli. Xehed illi dwar ic-cirkostanzi tal-familja tal-minuri, u cioe' illi missierhom kien ghamel perjodu konsiderevoli fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u kellu problemi kbar, sussegwentement hareg u rrijabilita ruhu fis-socjeta', u beda genwinament jahdem mat-tfal tieghu. Ovvjament it-tfal tieghu baqghu taht Care Order u kienu jghixu f' istituti differenti, fejn prezentement, *omissis B* kienet qeghda fl-istitut ta' Santa Rita, Hal-Tarxien, waqt illi *omissis A* kienet ghamlet zmien il-Facilita' ta' Fejda, taht il-konservatorju ta' Vincenzo Bugeja.

Kienu tfal b'hafna problemi, fis-sens illi, waqt illi xi genituri kienu johorgu t-tfal taghhom minn dawn l-istituti, huma kienu jibqghu gewwa. Dr Cassar xehed illi t-tfal kienu annessi l-isptar Monte Carmeli minhabba problemi ta' mgieba, u fl-ahhar sentejn, *omissis A* kienet qed ikollha problemi fejn anke kienet tahrab minn Fejda tant illi dawn ma setghux jibqghu jzommuha iktar, u iddahlet Monte Carmeli. Minn hemmhekk, beda jsir kuntatt mal-missier sabiex jibda l-process fejn *omissis A* u *omissis B* jigu riabilitati kompletament mal-missier.

Il-Psikjatra Cassar xehed illi *omissis A* ghaddiet minn hafna problemi fil-hajja taghha ta' 'teenager'. **Kienet bniedma mpulsiva u kienet tghaddi minn fazijiet fejn meta jfettilha, taqbad u tahrab mid-dar.** Dan l-ahhar episodju waqt li z-zewg minuri kienu ghand il-papa' taghhom, il-minuri kienu harbu mid-dar ghal darb'ohra. Il-psikjatra Cassar xehed illi recentement meta *omissis A* kienet tahrab mid-dar u kienu jinbdew proceduri Kriminali l-Qorti, din *omissis A* kienet thossha anzjuza hafna, irrigressat u kien hemm perjodu fejn kellha tiddahhal f' 'seclusion'. Dr Cassar xehed illi bhalissa, *omissis A* kienet anzjuza u vulnerabbli hafna. Ghar-rigward ta' *omissis B*, Dr Cassar xehed illi din kienet tifla li kienet hafna izghar u kellha hafna bezghat, tant illi anki ghal kwistjoni ta' fejn kienet tinsab ohtha, meta din kienet taf il-pozizzjoni vulnerabbli taghha, **ghaddew kwazi erbgha u ghoxrin siegha qabel ma *omissis B* irnexxilha taghti l-informazzjoni dwar ohtha.** Dr Cassar xehed illi ghar-rigward ta' *omissis B*, din kienet certament wisq vulnerabbli biex tixhed il-Qorti. **Il-Psikjatra Cassar kien ta' l-opinjoni illi l-ahjar post fejn dawn iz-zewg minuri jistghu jigu ntervistati mill-Qorti, kien billi tittiehed ix-xhieda fl-istess sptar Monte Carmeli. Dr Cassar ikkonferma illi ghar-rigward ta' *omissis A*, u fuq livell ta' sahha mentali, din setghet tixhed, kemm–il darba tigi ntervistata fl-isptar Monte Carmeli. Ghar-rigward ta' *omissis B*, Dr Cassar ikkonferma li klinikament m'huwiex ghal gid tat-tifla illi taghti x-xhieda taghha.**

A fol 48, Dr Cassar spjega lill-Qorti it-tifsira ta' kif it-tfal jistghu **jiddikompensaw**, u cioe', li ghal kuntrarju ta' l-adulti li jbatu b'ansjeta', l-adulti jkollhom sintomi ta' roghda, nuqqas ta' rqad u jaqbadhom imsarnhom, it-tfal **"jiddikompensaw billi l-imgieba taghhom tmur il-bahar u jibdew isiru aktar vjolenti u aggressivi. B' hekk jiddikompensaw it-tfal. U allura ma nkunux nistghux naccertaw illi ha jkunu 'safe' ghalihom infushom u ghal ohrajn. Dik hija 'decompensation' fit-tfal".** Dr Cassar ta parir lill-Qorti sabiex *omissis A* tixhed fil-presenza tan-Nurse taghha u xi Social Worker li kienet tafdaha, u esiga li ma tigiex esposta ghal 'alleged

perpetraters'. **A fol 49, Dr Cassar ikkonferma illi *omissis A* u *omissis B* ma kinux morda mentalment fit-terminu tal-Ligi.**

Spettur Raymond Aquilina, a fol 60, ikkonferma r-rapport li kien ghamel *omissis C* fl-Ghassa ta' Haz-Zabbar, dwar il-fatt illi z-zewgt itfal minuri tieghu, *omissis A* u *omissis B*, ta' *omissis* u *omissis* sena rispettivament, kienu telqu mid-dar tieghu wara li kissru xi hgiega u qabzu mit-tieqa. Infurmahom ukoll li *omissis A* kienet taht kura ta' certu pinnoli preskritti mill-Psikjatra taghha, u li kienet hadithom ukoll maghha. Inbdiet allura tfittxija ghal dawn iz-zewgt itfal, u l-Ispettur Aquilina kien kellem lil missierha *omissis C*, li spjega illi *omissis A* kienet rikoverata go l-isptar Monte Carmeli u li kienet fl-istitut tal-Fejda Santa Venera, u jikkonferma illi z-zewg minuri kienu qeghdin taht Care Order. L-Ispettur Aquilina xehed illi l-Hadd, ghal habta tat-tmienja u kwart ta' filghaxija, kien gie infurmat illi *omissis B* kienet marret gewwa l-Ghassa ta' Bormla titlob l-ghajnuna, ghaliex kienet tilfet it-triq u riedet tmur ghand ommha. L-Ispettur Aquilina ta certu struzzjonijiet lill-Ufficjali ta' l-Ghassa ta' Bormla u *omissis C* kien ha lil bintu *omissis B* biex saret tfittxija intensiva sabiex tinstab *omissis A*, izda *omissis B* fil-hinijiet bikrin ta' fil-ghodu, ma setghetx tindika t-triq fejn kien jinstab il-flat ta' Murad u Ashraf.

L-Ispettur Aquilina xehed illi *omissis B* kienet tathom rakkont ta' x'gara mit-tfal waqt illi dawn kienu harbu mid-dar, li kienu marru l-Belt u ltaqghu ma' Gharbi li jismu Kevin, li *omissis A* kienet gia' tafu xi tliet gimghat qabel meta kienet harbet minn Fejda. Kienet iltaqghet mieghu u qaghdu lejl wiehed fir-residenza ta' dan Kevin il-Belt. L-ghada fil-ghodu marru Bugibba, iltaqghu ma' certu Murad fejn il-'bus terminus' tal-Qawra. *Omissis A* talbitu sigarett, qaltlu li ma kellhomx fejn joqoghdu u Murad hadhom fil-'flat' tieghu. Murad xtralhom xi pastizzi u bicctejn cikkulata il-ghaliex il-minuri kellhom il-guh u tahom x'jieklu. *Omissis B* spjegat lill-Ufficjal Prosekutur illi Murad telaq ghax-xoghol waqt li huma qaghdu fil-'flat' wahedhom. Irritorna ghal habta ta' xi l-erbgha ta' wara nofsinhar. Wara ftit, kien tfacca certu Ashraf li kien jghix fil-'flat' ma'

Murad. L-Ispettur Aquilina ndika lill-imputati prezenti fl-awla. Xehed li dakinhar fil-ghaxija wara li marru jixtru xi hobz u sigaretti regghu marru fil-'flat'. Meta gew biex jorqdu kien hemm kamra tas-sodda wahda, b'zewg sodod separati illi gew maghquda flimkien, u Murad, Ashraf u z-zewgt itfal raqdu fuq dawn iz-zewg sodod. Rigward il-pozizzjoni ta' kif raqdu, *omissis B* spjegat lill-Ufficjal Prosekutur illi Ashraf raqad f'tarf wiehed tas-sodda, imbaghad kien hemm *omissis B*, hdejha kien hemm Murad, u *omissis A* raqdet fit-tarf l-iehor. *Omissis B* qalet lill-Ufficjal Prosekutur li rat lil *omissis A* ikollha x' taqsam ma' Murad, u li rat lil Ashraf ukoll ikollu x' jaqsam ma' *omissis A*.

It-tfittxija tal-Pulizija kompliet, u xi hin wara, *omissis B* kienet identifikat il-'flat' fejn kienet qed tirrisjedi *omissis A* flimkien ma' Murad u Ashraf. Spettur Raymond Aquilina, a fol 50 et seq, informa lill-Qorti illi kien ta struzzjonijiet lil WPC 24 Josephine Gauci sabiex tkun hi illi tkellem lil *omissis A*, u rrakonta dak li jirrizulta mill-istqarrija taghhom.

Wara li nstabet *omissis A*, Raymond Aquilina ta struzzjonijiet sabiex il-Pulizija jakkumpanjaw lil oht iz-zewg minuri, (*omissis D*) sabiex jigi ndikat lill-Pulizija il-'flat' illi fih *omissis A* kienet qed tghix flimkien ma' Ashraf u Murad. Irrizulta li kien Mayflower Flats, Flat Number 8, Triq Dun Guzeppi Calleja, San Pawl il-Bahar. Il-Pulizija rnexxilhom jidhlu gewwa u arrestaw liz-zewg imputati. Murad, illi ma kellux visa skond il-Ligi, fil-fatt kien diga' anticipa lill-Pulizija, u li pprova jaqbez fis-'shaft' biex jahrab minn fuq il-post.

Iz-zewg imputati gew mitkellma mill-Ispettur Raymond Aquilina, u rrilaxxaw stqarrija, liema stqarrija giet esebita u mmarkata bhala Dok RA. Din l-istqarrija ittiehdet permezz ta' l-interpretu u PC 250 Emanuel Said. F'din l-istqarrija, Murad Mohammed Atta ta deskrizzjoni simili hafna ghall-verzjoni illi kienu taw *omissis A* u *omissis B*, izda innega kwalunkwe abbuz sesswali prattikat minnu fuq il-minuri. Spettur Raymond Aquilina wkoll ha l-istqarrija ta' Ashraf Abubaker Ash-hab, liema stqarrija hija esebita bhala

dokument RA, li fiha l-imputat Ashraf innega illi qatt ma kellu x'jaqsam sesswalment ma' *omissis A*. Il-fedini penali taz-zewg imputati gew esebiti bhala Dok RA2 u Dok RA3, a fol 82 u 83 tal-process.

Gie esebit ir-rapport li kien ghamel *omissis C*, missier iz-zewg minuri, li gie esebit bhala dokument RA4. Gie esebit ukoll bhala dokument RA5, korrispondenza illi turi illi *omissis A* qeghda taht Care Order u awtorizzazzjoni minn missierha sabiex jaghti permess lil awtorita' ta' l-isptar sabiex dawn ikunu jistghu jaghtu kura psikjatrika u medikazzjoni lil istess *omissis A*.

Gew esebiti dokument RA6 u RA7, a fol 88 u 89, il-lista ta' l-oggetti kollha illi gew migbura u elevati mill-Pulizija, propjeta ta' l-imputati. L-Ufficjal Prosekutur informa lil Qorti illi waqt l-investigazzjoni, *omissis A* bdiet tallega illi kienet belghet xi pinnoli. Fil-fatt kienet infethet inkjesta Magisterjali, u nhatru diversi esperti. L-Ispettur Aquilina xehed illi huwa kien ha l-awtorizzazzjoni minghand Dr Cassar sabiex ikellem lil *omissis A*.

In kontro ezami, l-Ufficjal Prosekutur xehed illi huwa ma kellux ghalfejn jidhol fir-ragunijiet ghalfejn kienu inhargu Care Orders fuq iz-zewg minuri. In kontro ezami, l-Ispettur Raymond Aquilina xehed illi skond informazzjoni illi ha minghand *omissis C*, kien hemm allegazzjoni antecedenti ghal kaz in ezami, ta' stupru fuq *omissis A*. L-Ufficjal Prosekutur kkonferma li l-imputat Ashraf Abubaker Ash-hab ma kienx fetah il-bieb lill-Pulizija immedjatament, minhabba l-fatt illi Murad ma kellux visa valida.

Ir-ritratti tal-Flat Mayflower Number 8, ir-residenza ta' l-imputati, gew esebiti bhala Dok RA8, 9 u 10. L-Ufficjal Prosekutur, in kontro ezami, qal illi l-Pulizija kienu ghamlu diversi investigazzjonijiet sabiex jippruvaw isibu lil Kevin imsemmi minn *omissis A* izda minghajr ebda ezitu posittiv. L-Ufficjal Prosekutur innega illi l-atti sesswali fil-fatt ma sarux fil-presenza ta' *omissis B*, anzi kkonferma li hekk sar u *omissis A* kienet qalet lil ohtha *omissis B* biex tghatti wiccha izda din ghalkemm kienet tghatti wiccha, xorta rat dak li kien qed jigri. Mitlub tikkonferma jekk l-imputat

Ashraf kienx fil-fatt telaq mill-'flat' minhabba li sab oggezzjoni ghal prezenza ghaz-zewg tfajliet fil-'flat' tieghu, l-Ufficjal Prosekutur, a fol 21, xehed illi fl-ewwel lejl, l-imputati u z-zewg tfajliet kienu raqdu fl-istess zewg sodod, u li fl-istqarrija ta' Ashraf, dan sostna illi kien mar ghand siehbu l-Gzira jew il-Belt. L-Ufficjal Prosekutur, in kontro ezami, u fuq diversi mistoqsijiet mid-Difiza, xehed illi huwa ma setax jikkonfronta lil *omissis A* dwar dan l-istat ta' fatt, u cioe', illi Ashraf mill-Hadd 'il quddiem lanqas biss kien prezenti fil-Flat 8 Mayflower Flats, il-ghaliex dak iz-zmien *omissis A* kienet qeghda tigi kkurata is-CCU l-Isptar San Luqa, wara illi allegat li hadet xi pinnoli. Imbaghad wara spiccat rikoverata Mount Carmel Hospital taht supervizzjoni tal-Psikjatra Dr Cassar, u ghaldaqstant ma setax ikompli b'aktar investigazzjonijiet.

Mistoqsi dwar il-pinnoli ta' *omissis A* illi nstabu fil-bagalja ta' l-imputat Ashraf, l-Ufficjal Prosekutur xehed, a fol 73, illi jirrizultalu minn dak illi qaltlu *omissis A*, illi dawn il-pinnoli gew mehuda mill-imputati il-ghaliex hasbuhom illi kienu drogi, u li kien Murad illi hadhom u tefghahom fil-bagalja ta' Ashraf.

Fil-'video conference', *omissis A* xehdet bil-gurament u qalet illi kellha *omissis* sena u din kienet wahda mid-disat itfal. Illi dakinhar ta' l-incident, ohtha *omissis B* kienet kisret hgiega. *Omissis A* bdiet tibza' li kienet ser tehel hi ma' missierha u qabdet, ippakjat xi hwejjeg, hadet il-pinnoli illi kien ippreskrivilha Dr Cassar u cioe' Triptazone, Zelaterax u Zypoxin u harbet mid-dar billi nizlet mit-tieqa. *Omissis B* talbitha biex ma thallihiex wahedha, u ghaldaqstant marret maghha.

*Omissis A* xehdet illi meta ghamlet il-hsieb biex tahrab mid-dar, hija ma kinitx taf fejn kienet sejra, u imbaghad ddecidiet li tmur l-Belt b'tal-linja. Mitluba tghid fejn raqdu l-ewwel lejl, *omissis A* qalet li huma harbu xi s-sebgha ta' filghaxija u li ltaqghu ma' Gharbi illi hija kienet diga' taf qabel. Talbuh biex joqoghdu ghandu u tahom il-permess li joqoghdu ghandu lejl wiehed biss. Dan ir-ragel tahom x'jieklu u offrielhom is-Seven Up, u dak il-lejl, *omissis A*

kellha x'taqsam sesswalment ma' dan ir-ragel, mhux ghax sfurzaha b' xi mod, imma ghax talabha, u hi qaltlu iva:

**"qalli u jiena ghidtlu iva" (ara xhieda a fol 100).**

L-ghada fil-ghodu, *omissis A* xehdet li dak il-hin *omissis B* kienet rieqda. L-ghada fil-ghodu tahom Lira Maltin (Lm1) halli jaqbdu tal-linja u marru Bugibba u dana sabiex ma jaqbduhomx il-Pulizija. Hemmhekk qaghdu jduru mat-toroq u raw guvni u talbuh sigarett. Bdew jitkellmu mieghu, qalulu li huma mahrubin mid-dar, u dan zammhom id-dar tieghu:

**"imbaghad morna d-dar tieghu u qalilna, imbaghad qabel ma morna d-dar qalilna imma jiena xoghol imma jien illum. Imbaghad ghidnilu jekk tiddejjaq imma zzommna d-dar ghidilna mill-ewwel. Qalilna le qalilna ma niddejqux ahna qalilna basta ma titkellmu xejn" (ara fol 101).**

Xralhom ic-cikkulata, pastizzi u gallettini u imbaghad meta sar il-hin, telaq ghax-xoghol. *Omissis A* xehdet illi hija u *omissis B* qaghdu f'dan il-flat sa l-erbgha ta' wara nofsinhar, meta rritorna l-guvni li ltaqghu mieghu flimkien ma' guvni iehor.

*Omissis A* ipprecizat illi l-ewwel li ltaqghu mieghu, kien Murad u l-guvni illi rritorna d-dar flimkien ma' Murad kien jismu Ashraf. Dawn bdew jitkellmu bil-lingwa taghhom **"u l-iehor accetta wkoll"** (ara xhieda fol 102). Mitluba tghid jekk Ashraf kellux pjacir bil-fatt illi z-zewg minuri kienu ser jorqdu fil-'flat' tieghu, *omissis A* xehdet: **"le ma ddejjaqx",** (ara xhieda fol 102), izda aggungiet, **"nahseb kien irrabja hu imma lilna ma uriniex"** (ibid). Iz-zewg guvintur ghamlulhom x'jieklu u mbaghad bdew jaraw it-television, **"kien hemm zewg sodod wahda 'l hawn u l-ohra 'l hawn u resquhom kollha flimkien huma"**. *Omissis A* xehdet li t-tfajliet qaghdu fin-nofs u iz-zewg guvintur qaghdu fit-truf. *Omissis A* xehdet illi meta kienu ser jorqdu, Murad beda jtaptpilha fuq spallejha u hi hasbet illi kienet *omissis B*. Xehdet illi **"ma bdejtx naghti kasu u mbaghad irqadna dakinhar**" (ara xhieda fol 103). L-

ghada fil-ghodu, is-Sibt, iz-zewg minuri kienu hargu ma' Murad waqt li Ashraf baqa fil-'flat' ghaliex kellu jaghmel xi arrangamenti dwar xi safar. Meta rritornaw lura fil-'flat', sabu li Ashraf ma kienx hemmhekk. Sussegwentement, meta rritorna d-dar, Ashraf kien jidher bin-nervi. A fol 105, *omissis A* xehdet illi kienu baqghu fil-flat is-Sibt u raqdu, **"u dak il-lejl ma gara xejn"** (ara xhieda fol 105).

Fil-ghodu l-Hadd, *omissis A* tghid illi z-zewg imputati bdew jitfghu l-botti illi ma riedux illi *omissis B* tibqa' maghhom fil-'flat', il-ghaliex kienet ser tikxifhom mal-Pulizija ghax kienet ghadha zghira. Ghaldaqstant, gie deciz illi *omissis B* titlaq mill-'flat' u tmur ghand ommha. Fil-fatt wasluha sa fuq l-'stage'. Iz-zewg imputati akkumpanjawhom u rikbuha tal-linja **"u lili ma hallewniex biex nitlaq maghha"** (ara xhieda fol 105). *Omissis A* irritornat il-'flat' ma' l-imputati u qaghdu jaraw it-'television' u raqdu. It-Tnejn filghodu, iz-zewg imputati qamu u telqu ghax-xoghol xis-sebgha u nofs, u mbaghad, kienet giet ghaliha (*omissis A*), *omissis D*, oht *omissis A*.

*Omissis A* xehdet illi hija bdiet tibla' l-pirmli u thawwadhom il-ghaliex kienet idejqet fil-'flat' wahedha, u kienet hadet Tripdazol u Laterax, u kienet raqdet. Imbaghad semghet lil xi hadd ihabbat mal-bieb. Hi ssostni illi wara li hadet il-pilloli, raqdet, u kien gie Ashraf isaqsiha xi haga, izda hija kienet bi nghas u regghet raqdet. Wara, kienet semghet it-tahbit mal-bieb.

Sussegwentement, *omissis A* ttiehdet il-Vice Squad fejn giet mistoqsija x'kien gara fl-erbat ijiem precedenti. Giet mehuda Mount Carmel u bdiet titkellem man-Nurses waqt li Dr Joseph Cassar iddecieda li jkun ahjar li jsirulha t-'tests' l-isptar San Luqa. Sarulha diversi testijiet, inkluz X-rays, u testijiet ginekologici.

**A fol 107, *omissis A* sostniet illi fl-ewwel lejl li qaghdet ma' l-imputati, ma kien gara xejn, izda fil-lejl tas-Sibt jew tal-Hadd, l-imputat kienu talbuha biex ikollhom x'jaqsmu sesswalment maghhom, u hija accettat.** Kien nezzaha l-ewwel Murad, u kellha x'taqsam mieghu sesswalment, imbaghad wara ftit ma' Ashraf. *Omissis A*

sostniet li kellha x'taqsam ma' Murad l-ewwel. Dan kien liebes il-flokk, pero' neza' l-qalziet u l-qalziet ta' taht. Wara li spiccat li jkollha x'taqsam ma' Murad, kien staqsiha Ashraf u kellha x'taqsam mieghu sesswalment ukoll, **"darba minnhom kont ghamilt ma' Murad ukoll. Imbaghad lilha (*omissis B*) keccewha, ma riduhiex, keccewha"** (ara xhieda fol 109).

**Mitluba tghid jekk kemm–il darba *omissis B* baqghetx fil-kamra waqt li hija kellha x'taqsam sesswalment ma' Murad, *omissis A* xehdet fl-affermattiv, imma qalet illi dan gara ghal ftit hin biss.** Imbaghad Ashraf u ohtha kienu hargu. Sussegwentement, beda jgerger Ashraf, u *omissis A* ma setghetx tifhmu ghax beda jitkellem ma' Murad bil-lingwa Gharbija. Kien wara dan illi kienu ddecidew li jwasslu lil *omissis B* fuq il-'bus stop' halli hija tmur id-dar. Sussegwentement, *omissis A* kellha x'taqsam sesswalment ma' Ashraf. ***Omissis A* isostni illi meta kellha x'taqsam sesswalment ma' Ashraf, *omissis B* ma kinitx hemmhekk ghaliex kienu diga' wasluha fuq l-'stage'. L-ewwel lejl, Ashraf ma kellux x'jaqsam maghha u lanqas messha.** A fol 110, *omissis A* kkonfermat illi hija **kellha x'taqsam sesswalment darbtejn ma' Murad u darba ma' Ashraf.** *Omissis A*, a fol 111, ikkonfermat illi meta Ashraf beda jgerger, Murad kien qabad u tefa' s-saqqu u s-sodda gol-kamra l-ohra, cioe', fil-kcina, u hemmhekk kienu raqdu hi u Murad. Dan gara pero' wara li telqet *omissis B*, u cioe', kien it-tieni lejl illi kellha x'taqsam ghat-tieni darba ma' Murad. **A fol 112, *omissis A* xehdet illi Ashraf ried jiehu lilha mieghu l-Libja permezz ta' xi dghajsa.** *Omissis A* xehdet illi meta hija kienet tiehu l-pinnoli, l-imputati hasbu illi dawn kienu xi drogi. Din assigurathom illi dawn kienu pinnoli preskritti mit-tabib taghha u din kellha tohodhom kulljum. Il-pinnoli zammewhom huma ghaliex hasbuhom li kienu droga, u filfatt, tefghuhom gol-bagalja u sakkruha.

***Omissis A* xehdet, a fol 114, illi *omissis B* ma kinitx damet ghal hafna zmien fil-kamra waqt li hija u Murad kellhom x'jaqsmu sesswalment flimkien u kienet qaghdet hemmhekk xi ftit 'il fuq minn hames minuti.** A fol 114, *omissis A* xehdet illi kienet tkellmet fuq dak li

ghaddiet minnu ma' Dr Etienne Muscat, li kien gie jaraha flimkien ma' Dr Cassar. *Omissis A* kkonfermat illi l-esperjenzi sesswali li kellha ma' Murad u ma' Ashraf kienet diga' ghaddiet minnhom qabel, u kellha xi ghaxar esperjenzi sesswali ma' persuni differenti. *Omissis A*, a fol 115, gharfet liz-zewg imputati bhala l-persuni li dwarhom kienet qeghda tixhed.

Esam M Ahmed Lhfaed, a fol 122, xehed in konnessjoni mat-talba ta' liberta' provvizorja ta' l-imputati.

Joseph Cassar, a fol 148, u cioe' fit-13 ta' Gunju 2007, ikkonferma li *omissis B* kienet stabbli u li kienet qeghda f' pozizzjoni illi taghti t-testimonjanza taghha.

Brian Magro, a fol 150, Kap tas-Segretarjat fi hdan il-Ministeru tal-Familja u Solidarjeta' Socjali, ikkonferma illi z-zewg minuri *omissis B* u *omissis A* kienu qeghdin taht Ordni ta' Harsien, u kkonferma illi r-rapport illi sar mill-Pulizija dwar allegazzjonijiet ta' abbuz sesswali fuqhom. Ikkonferma illi l-Ministru ried jipprocedi kriminalment dwar l-investigazzjonijiet dwar dan il-kaz. A fol 151, Brian Magro kkonferma illi **l-Ordni tal-Harsien fir-rigward ta' *omissis A* giet revokata** fit-2 ta' Mejju 2007, ghar-ragunijiet imsemmija a fol 151. L-Ordni tal-Harsien gew esebiti bhala dokument M1, M2 u M3, a fol 157-159.

A fol 167, *omissis C* xehed illi kellu hamest itfal li jisimhom *omissis X*, *omissis D*, *omissis A*, *omissis Y* u *omissis B*. Ikkonferma illi *omissis A* kienet ghamlet xi zmien taht Care Order, u llum il-gurnata il-kustodja taghha giet ritornata f' idejh. ***Omissis C* kkonferma, a fol 168, illi xtaq ikompli bil-proceduri kriminali f dan il-kaz ghan-nom ta' *omissis A*.** Mitlub x'jaf dwar l-incident, *omissis C* xehed illi dakinhar ta' l-incident, huwa kien sab illi harbulu t-tfal *omissis A* u *omissis B*, u mar jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar mill-ewwel. Ikkonferma li kien baghat ghalih l-Ispettur Aquilina ghax ghamel tfittxija intensiva ghaz-zewgt itfal. *Omissis C* xehed illi *omissis B* kienet instabet qabel, u kienet hi li uriethom fejn kienet tinstab *omissis A*. ***Omissis B* kienet ukoll infurmathom illi *omissis A* kienet giet abbuzata sesswalment minn**

**wiehed minnhom**. Illi sussegwentement, *omissis B* giet imkeccija minn go dan il-'flat'. Ikkonferma dak kollu illi kien qaltlu *omissis B*, u cioe', illi l-istess ***omissis B* kienet prezenti waqt illi kien hemm kongungiment karnali bejnha u wiehed mill-guvintur,** u dana ghax hasbuha li kienet rieqda, imbaghad kienu waslu lil *omissis B* fuq l-'stage'.

**Irrakonta wkoll dak li qatlu *omissis A*, u cioe', li kien hemm kongungiment sesswali ma' wiehed mill-irgiel l-ewwel lejl, u fit-tieni lejl kellha kongungiment sesswali maz-zewgt irgiel wara li telqet *omissis B* (ara xhieda fol 179).** *Omissis C* xehed, a fol 170, illi *omissis B* bdiet tismaghhom illi kienu ser isiefru lil *omissis A*. Ghar-rigward ta' pinnoli, *omissis C* xehed illi *omissis A* kienet hadet kwantita' ta' pilloli meta harbet mid-dar.

Mix-xhieda ta' Dr Mario Scerri, a fol 178 et seq, Espert nominat fl-inkjesta, u mix-xhieda ta' l-istess *omissis A*, Dr Scerri kkonferma il-verzjoni illi tat l-istess minuri, u cioe', kif harbu mid-dar hi u ohtha *omissis B* u marru l-Belt, fejn *omissis A* kellha x'taqsam ma' Gharbi u din kienet diga' tafu xi gimghat qabel meta kienet harbet mill-Appogg. Minn hemm imbaghad, marru lejn Bugibba u ltaqghu ma' zewg guvintur fit-triq. *Omissis A* talbithom sigarett, qaltilhom li kienu mahrubin mid-dar u li kellha tmintax–il sena u li dawn offrewlhom li jmorru maghhom. *Omissis A* xehdet quddiem Dr Scerri illi hija kellha x'taqsam sesswalment ma' dawn iz-zewg guvintur, wiehed wara l-iehor **"waqt illi ohtha rat kollox"**, pero' lil ohtha ma missewiex. L-ghada kellhom x'jaqsmu fil-ghodu, u aktar tard, liz-zghira *omissis B* qabbduha l-karozza tal-linja minn Bugibba biex tmur lejn id-dar taghha. *Omissis B* waslet Bormla u bdiet tfittex lil ommha. Peress li ma sabitiex, marret l-Ghassa u rraportat l-istorja kollha lill-Pulizija.

Dr Mario Scerri xehed illi ghamel ezami mediku fuq *omissis A*. Din kellha tbengila fuq l-ghajn ix-xellugija taghha u kienet kannella, ma kinitx friska, u fl-opinjoni tieghu, ma kelliex x'taqsam ma' l-incident mertu ta' dan il-kaz. Dr Scerri imbaghad qal illi pero' kellha tbengila ohra li kienet friska bil-'petechie' li kienet kompatibbli ma' 'love

bite'. Din it-tbengila kienet fuq sidirha tax-xellug. Dr Scerri xehed illi *omissis B* ma ezaminahiex ghal zewg raguni, wahda li kienet reluttanti, u minhabba l-fatt li ma kien hemm ebda rapport illi sar xi abbuz sesswali fuq il-persuna taghha. **Dr Scerri kkonferma li *omissis B* ma riedet titkellem xejn.** Ghar-rigward ta' l-ezami mediku fuq *omissis A*, Dr Mario Scerri xehed illi mill-ezami tal-parti genitali taghha:

**"ma kienx hemm evidenza ta' xi penetrazzjoni sfurzata, ma kienx hemm 'abrasions' u lanqas tbengil. Jigifieri jekk kien hemm penetrazzjoni ma kienx hemm rezistenza ghal din il-penetrazzjoni jew ma kien hemm penetrazzjoni ta' xejn".**

Dr Mario Scerri kien jaf illi fuq dawn iz-zewg minuri kien hemm Care Order. Dr Scerri kkonferma li huwa wettaq dan l-ezami fis-26 ta' Frar 2007. Ir-relazzjoni tieghu giet esebita u mmarkata bhala dokument MS u tinsab a fol 181 et seq tal-process.

PC 353 Antoine Sacco, a fol 193 u 194, ikkonferma illi *omissis C* kien mar l-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar biex jirraporta li t-tfal tieghu *omissis A* u *omissis B* kienu harbu mid-dar, u esebixxa l-okkorenza tieghu dokument PSX, a fol 196 sa 199. Ikkonferma wkoll illi *omissis A* kienet hadet ammont sostanzjali ta' pinnoli 'anti depressants', u cioe', l-kwota taghha ghal xahrejn.

PS 1229 Antoine Cilia, a fol 200 et seq, ikkonferma r-rapport li kien ghamel *omissis C* fit-23 ta' Frar 2007 dwar il-harba taz-zewg minuri tat-tfal tieghu. Ikkonferma illi jumejn wara, fil-25 ta' Frar, *omissis B* irritornat wahedha, fejn allegat illi kienet giet mizmuma minn zewg persuni ta' nazzjonalita' Gharbija, u li kienet giet esposta ghal atti sesswali illi kienu saru bejn l-imputati u ohtha *omissis A*. Illi saret tfittxija ghal *omissis A* li rrizultat fin-negattiv, u l-ghada *omissis B* kienet marret ma' ohtha l-kbira *omissis D* l-Qawra, u *omissis B* indikat il-'flat' fejn kienet qeghda tirrisjedi *omissis A*, habbtu l-bieb u din fethitilhom. Wara dan, il-Pulizija tad-Distrett kienu ghamlu 'raid' f'dan il-post u kienu gew arrestati l-imputati. PS 1229 Antoine Cilia

kkonferma illi hu ma kienx prezenti waqt l-istqarrija ta' l-imputat Ashraf Abubakir u din l-istqarrija ttiehdet bl-assistenza ta' nterpretu, u kkonferma d-dokument RA. PS Cilia kkonferma illi kienu hadu lil *omissis B* sahansitra l-Belt biex jippruvaw isibu l-'flat' fejn qaghdu fl-ewwel lejl, izda *omissis B* ma setghet taghraf ebda post**. In kontro ezami, PS Cilia kkonferma illi fl-ebda hin waqt l-investigazzjoni ma gie allegat miz-zewgt ibniet minuri illi dawn kienu mgeghla jaghmlu xi haga illi ma xtaqux jaghmluha (ara xhieda fol 202).**

A fol 204, WPC Charlotte Cutajar xehdet illi hija kienet hadet l-istqarrija ta' *omissis B* li qaltilha illi kienu marru Bugibba, illi kienu ltaqghu ma' zewg guvintur, offrewlhom illi jmorru l-'flat' taghhom u tawhom x'jieklu u raqdu hemmhekk. ***Omissis B*** **qaltilha illi ohtha** ***omissis A*** **kellha x'taqsam sesswalment ma' dawn iz-zewg guvintur u li dan sar fil-prezenza taghha.** WPC Cutajar hija kienet taf illi dawn iz-zewg t'ibniet kienu mahruba mid-dar. Sussegwentement, *omissis A* kienet baghtet lil *omissis B* b'tal-linja u din it-tifla kienet spiccat l-Ghassa Bormla. *Omissis B* qalet lil WPC Cutajar illi ohtha *omissis A* kienet tatha l-flus ghal tal-linja u kienet wasslitha sal-venda flimkien maz-zewg imputati.

Christiana Sammut, a fol 206, Social Worker ma' l-Agenzija Appogg, xehdet illi hija kienet ilha ssegwi lil *omissis A* u *omissis B* mit-2002 fi hdan il-"looked after children", u li dawn kienu qeghdin taht Care Order. Christiana Sammut xehdet li kienet prezenti waqt li *omissis B* kienet qed tirrakonta dak illi gralha, u li meta kellmet lil *omissis B*, *omissis A* kienet ghadha ma nstabitx. Christiana Sammut xehdet illi *omissis B* **ma tkellmet xejn mas-Social Workers ta' l-Appogg ghaliex kienet ghajjiena u trawmatizzata.** Sammut xehdet illi mbaghad kienet akkumpanjat lil *omissis B* u lil missierha l-Vice Squad u kien hemmhekk illi *omissis B* bdiet titkellem. *Omissis B* qalet illi kienet harbet ma' *omissis A* minn dar missierha, li kienu marru l-Belt u li kienu ltaqghu ma' ragel ta' nazzjonalita' Gharbija, marru d-dar tieghu u raqdu hemmhekk, **u li dan ir-ragel ma kienx messha izda li** ***omissis A*** **kellha x'taqsam ma' dan ir-ragel.** Fil-ghodu

kienu telqu mid-dar tieghu, qabdu l-karozza tal-linja lejn Bugibba, iltaqghu ma' zewg irgiel, qabad konversazzjoni maghhom u dawn haduhom fir-residenza taghhom. Iz-zewg guvintur kienu ta' nazzjonalita' Gharbija. Dawn tawhom x'jieklu u kellhom fejn jorqdu. *Omissis B* kienet semmiet **illi dawn iz-zewg guvintur lilha ma kienux messewha izda li kienu messew lil ohtha.** *Omissis B* imbaghad kienet semmiet illi l-Hadd wara nofsinhar dawn iz-zewg irgiel u *omissis A* kienu akkumpanjawha fil-'bus terminus' tal-Qawra sabiex hija tmur tfittex lil ommha f'Bormla. Sammut ikkonfermat illi *omissis B* ma kinitx sabitha lil ommha Bormla u kienet marret l-Ghassa tal-Pulizija. Mistoqsija kif *omissis B* kkonkludiet illi dawn iz-zewg irgiel kienu missew lil ohtha, Sammut xehdet **"ghaliex kien hemm drabi fejn rathom hi"** (ara xhieda a fol 208).

*Omissis B* xehdet permezz ta' 'video conference', illi sehh fl-Isptar Monte Carmeli, u x-xhieda taghha tinstab a fol 212 et seq tal-process. Matul dan il-'video conference', kif jidher mill-'video tape' stess, *omissis B* kienet riluttanti hafna biex titkellem, filfatt lanqas biss riedet tiehu l-gurament u ma riedet titkellem xejn dwar l-incident kif gara. Illi kien biss wara hafna pacenzja u domandi ripetuti, illi *omissis B* tkellmet fuq xi aspetti tal-harba taghha, izda kienet riluttantissima biex titkellem fuq dak li gara fil-konfront taghha, ta' *omissis A* u taz-zewg imputati.

A fol 220 u 221, *omissis B* kkonfermat illi kienu harbu mid-dar u raqdu lejl ghand Gharbi u mbaghad marru Bugibba, u li ltaqghu ma' zewg guvintur, li kienu stednuhom fil-'flat' taghhom. Hemmhekk kienu tawhom x'jieklu u kienu raqdu, billi ghaqqdu z-zewg sodod flimkien. Minn dan il-punt 'l quddiem, *omissis B* irrifjutat li tixhed fuq il-kaz innifsu, minkejja l-sforzi kollha li ghamlet din il-Qorti, meghjuna wkoll minn Dr Joseph Cassar, li kien prezenti waqt il-'video conference'.

A fol 230, ***omissis B* xehdet illi hija kienet rieqda u li ma rat xejn.**

*Omissis D*, a fol 234, oht iz-zewg minuri, xehdet illi kienet marret ma' missierha, wara li skoprew illi z-zewg minuri kienu harbu mid-dar ghad-dar l-ohra, u dan sabiex jaghmlu r-rapport. Illi l-Hadd wara nofsinhar kien cemplilha missierha ghaliex il-Pulizija kienu sabu lil *omissis B*. Hija kienet akkumpanjat lil *omissis B* ghat-tfittxija t'ohtha *omissis A*, izda dak il-lejl ma kinux sabuha. A fol 240, *omissis D* xehdet illi din it-tfittxija kienet imbaghad tkompliet l-ghada t-Tnejn, *omissis B* kienet sabet il-'flat' fejn hija u *omissis A* kienu ghexu ghal ftit jiem ma' dawn iz-zewg guvintur, u b'hafna diffikulta', *Omissis A* kienet fethitilhom il-bieb. Sussegwentement, *omissis D* kienet akkumpanjat lill-Pulizija sabiex tghidilhom l-indirizz tal-'flat' fejn kien, u gew arrestati l-imputati.

*Omissis D* xehdet illi ***omissis B* kienet qaltilha illi *omissis A* kellha x'taqsam sesswalment ma' wiehed minn dawn il-guvintur.** *Omissis D* xehdet illi *omissis B* qaltilha illi wara li harbet mid-dar, huma marru l-Belt, raqdu lejl il-Belt, imbaghad telghu Bugibba, iltaqghu ma' zewg guvintur u marru fil-'flat' taghhom. *Omissis D*, a fol 243, xehdet illi *omissis B* kienet qaltilha illi ***omissis A* kienet raqdet ma' wiehed minn dawn il-guvintur, u li hija kienet rathom.**

Christopher Farrugia esebixxa r-relazzjoni tieghu dokument CF, a fol 263, u pprezenta r-rapport tieghu dwar l-analizi ghal prezenza ta' 'acid phosphetates' u 'profiling' genetici ta' DNA, minn kampjuni illi ttiehdu mill-partijiet privati ta' *omissis A*, u minn kampjuni tas-'saliva' mehudin mill-imputati, u dawn taw rizultati fin-negattiv, anzi kien hemm 'eskluzjoni shiha' (ara xhieda a fol 273).

Spettur Louise Calleja, a fol 275, esebiet ic-certifikat tat-twelid tal-minuri bhala dokument LCA1 u LCA2.

A fol 279, PC 350 ikkonferma illi huwa kien l-interpretu waqt it-tehid ta' l-istqarrija dokument RA.

PS 1229 Antoine Cilia xehed dwar l-oggetti illi huwa eleva mill-fond ta' l-imputati.

PS Michael Buttigieg ikkonferma l-okkorrenza dokument RA4, u r-rapport illi sar minn *omissis C* dwar iz-zewg minuri.

Fit-tieni xhieda tieghu, PS 1229 esebixxa ‘mobile’ elevat minn Murad Mohamed Atta, ricevuta dokument RA3 u ricevuta dokument AC1.

PS 1419 Mark Sultana kkonferma illi hu kien ghamel tfittxija fil-fond ta’ l-imputati u r-ricerki li ghamel fuq l-‘status’ ta’ Ashraf Abobakir M. Al Ash-hab, u esebixxa bhala dokument MS, kopji tar-‘records’ tal-movimenti ta’ l-imputat.

L-imputati ghazlu li ma jixhdux u ma jressqu l-ebda prova ulterjuri.

Ikkunsidrat:-

L-imputati jinstabu akkuzati b’zewg akkuzi, u cioe’, dik ta’ stupru fuq *omissis A*, minorenni ta’ *omissis* sena *‘persuna li ma kinitx tista’ tirrezisti minhabba mard tal-gisem jew tal-mohh jew ghal raguni ohra indipendenti mill-eghmil taghhom u minhabba mezzi qarrieqa li huma nqdew bihom.’* L-imputati jinstabu wkoll akkuzati b’korruzzjoni taz-zewg minorenni, cioe’, *omissis A* u *omissis B*.

Il-Qorti sejra biex tezamina l-ewwel akkuza, u cioe’ dik ta’ stupru fuq *omissis A*.

L-Artikolu 198 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, jiddeponi:

*‘Kull min, bil-vjolenza, jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinstab hati, il-piena ta’ prigunerija minn tliet snin sa disa’ snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha.’*

Illi in oltre, l-Artikolu 201 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi:

*‘201: L-istupru u kull attentat iehor ghall-pudur jitqies dejjem bhala vjolent –*

*(a) Omissis;*
*(b) Meta l-persuna li fuqha jsir l-abbuz ma tkunx tista' tirrezisti minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh, jew ghal raguni ohra indipendenti mill-eghml tal-hati, inkella minhabba l-mezzi qarrieqi li l-hati jkun inqeda bihom.'*

Illi fil-kaz in ezami, din il-Qorti taghraf illi l-elementi ta' stupru huma addirittura neqsin. Dan qed jinghad ghal diversi ragunijiet:
1. illi mix-xhieda ta' *omissis A* jirrizulta b'mod ampju illi l-kongungiment karnali bejnha u bejn l-imputati kien wiehed addirittura volontarju. Infatti, a fol 107, *omissis A* sostniet illi l-imputat Murad kien staqsieha biex ikollha x'taqsam mieghu u hi accettat;
2. Illi wara dan, kien talabha wkoll Ashraf ghall-istess haga, u hija accettat. Illi din il-Qorti, ghaldaqstant, tifhem illi l-atti sesswali li sehhew mill-imputati ma' *omissis A* **kienu addirittura volontarji**;
**3.** illi dan huwa msahhah ukoll mir-rizultanzi medici li wettaq Dr Mario Scerri, **li ma sab l-ebda trawma fil-parti genitali ta' *omissis A*, li b'xi mod, anke remot, turi li kien hemm xi forma ta' rezistenza jew xi forma ta' vjolenza ghall-att sesswali;**

Din il-Qorti issa ser tghaddi biex tezamina l-applikabilita' o meno ta' l-Artikolu 201 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jippresumi l-vjolenza fic-cirkostanzi ta' mard tal-gisem jew tal-mohh, fuq l-allegat vittma tar-reat. Dan l-ezami necessarjament jinvolvi analizi dettaljat tar-rizultanzi psikjatrici li wettaq Dr Joseph Cassar fuq *omissis A*.

Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa x-xhieda kollha li ta l-Psikjatra Dr Joseph Cassar, hija tal-fehma illi l-minuri *omissis A*, infatti, **ma kinitx**, fiz-zmien indikat fic-citazzjoni, tbati minn mard mentali jew mard fiziku, tali li permezz ta' dik il-marda, jista' jiskatta dak mahsub fl-Artikolu 201 tal-Kodici Kriminali.

Dan qed jinghad ghaliex din il-Qorti hija konfortata mhux biss bir-rizultanzi psikjatrici ta' Dr Joseph Cassar, fejn a fol 49 jghid addirittura, u bla ebda ekwivoci, li ***omissis A* u**

***omissis B* ma kinux morda mentalment fit-terminu tal-Ligi,** izda wkoll minhabba l-fatt illi fil-fehma ta’ din il-Qorti, wara li kellha l-opportunita’ li tevalwa l-manjiera li biha xehdet *omissis A*, waslet hi stess ghall-konkluzjoni li filfatt *omissis A* kienet taf ezattament dak li kienet qed taghmel fid-dati rilevanti.

Dan ma jfissirx illi *omissis A* mhijiex tfajla illi hija mizghuda bi problemi u li mxekkla b’diversi problemi emozzjonali u problemi ta’ imgieba hazina. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, dawn il-problemi emozzjonali u problemi ta’ imgieba ma jwasslux ghal dik l-inkapacita’ ta’ gharfien, fejn allura l-Ligi gustament tippresumi illi kongungiment karnali bhala wiehed vjolenti, ai termini ta’ l-Artikolu 201 tal-Kodici Kriminali.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-elementi essenzjali ta’ l-istupru, ai termini ta’ l-Artikolu 198 u Artikolu 201(b) ma jissussistux fil-konfront taz-zewg imputati.

Il-Qorti issa sejra tghaddi biex tezamina t-tieni akkuza, u cioe’ dik ta’ korruzzjoni taz-zewg minorenni *omissis A* u *omissis B*, miz-zewg imputati.

L-Artikolu 203(1) jipprovdi:

*‘203(1):*
*Kull min b’eghmil zieni jikkorrompi persuna taht l-eta’, tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinstab hati, il-piena ta’ prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlett snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha; izda l-piena ghal dan id-delitt tkun ta’ prigunerija minn tlett snin sa sitt snin bir-rekluzjoni jew minghajrha, f’kull wiehed mill-kazijiet li gejjin:*
*(a) jekk id-delitt isir bi hsara ta’ persuna li ma ghalqitx l-eta’ ta’ tnax-il sena jew inkella bi vjolenza;*
*(b) jekk id-delitt isir bit-theddid jew b’qerq;*
*(c) jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew bi zwieg, jew minn missier jew l-omm addottiv, jew minn tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, ikun giet fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jghallimha, jindukraha jew izommha.’*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Pulizija versus Wiffen, deciza fit-8 ta' Jannar 1996, ikkonfermat:

*'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts.'*

Imbaghad fis-sentenza Pulizija versus Andrew Bonnici, deciza fit-23 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

*'Tifel ta' appena tlettax-il sena li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel l-appellant, kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il-persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga' jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal-izvilupp fizjologiku ta' dak li jkun, u altru impozizzjoni ta' sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f'integrita' morali tal-minorenni.'*

Illi fil-kaz in ezami, jirrizulta pprovat illi l-atti li wettqu l-imputati, u cioe', kongungiment karnali ma' minuri ta' *omissis* sena, u l-mess ta' partijiet genitali tal-minuri, jikkostitwixxu par excellence, dak illi l-ligi tikkategorizza bhala 'lewd acts' jew atti di libidini'.

Il-Qorti imbaghad ghaddiet biex tezamina jekk kemm il-darba l-atti prattikati fuq il-minuri attwalment wasslux sabiex jikkorrompu l-istess minuri u ghal dan il-ghan ghamlet referenza ghall-insenjament tal-principji enuncjati fil-kawza Pulizija versus Carmelo Spiteri deciza fl-20 ta' Marzu 1989 mill-Qorti tal-Appell Kriminali;

*'Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn l-allegat suggett passiv tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203, minhabba*

*hajja dedikata ghall-laxxivja u ghall-pjaciri sesswali, ikun fi stat ta' travjament morali tant komplet li difficli wiehed jista' jimmagina kif jista' jigi ulterjorment korrott, u kazijiet bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn din il-Qorti, izda huwa cert ukoll li l-esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita' li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali, in re, Il-Pulizija versus George Portelli, deciza fit-2 ta' Frar 1975, (fejn dik il-Qorti kienet abbraccjat it-tejorija moderata tal-Maino), mhux qed jinghad li persuna gia parzjalment korrotta, ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta' kwistjoni ta' bilanc.'*

Il-Qorti thoss il-htiega li taghmel distinzjoni bejn l-akkuzi ta' korruzzjoni ta' minorenni, allegatament prattikat fuq *omissis A*, minn dak li allegatament sar fuq *omissis B*, u dan l-ezami jrid isir fuq il-provi li hemm ghal kull wiehed mill-imputati.

Il-Qorti sejra biex tezamina l-akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni, allegatament prattikat fuq *omissis A* miz-zewg imputati.

Illi l-provi voluminuzi f'dan il-kaz, juru b'mod lampanti l-manjiera indiskriminatorja li biha il-minuri *omissis A* kien ikollha kongungiment karnali ma' persuni tas-sess maskili, li prattikament lanqas biss kienet taf. Mistoqsija minn din il-Qorti dwar l-esperjenzi sesswali taghha, *omissis A* ammettiet li kellha diversi kongungimenti karnali ma' rgiel, u li dan gara almenu ma' ghaxar persuni differenti. Mhux hekk biss, izda l-provi juru illi *omissis A* kienet timmanipola l-irgiel bl-ghoti facli ta' gisimha, biex takkwista dak li riedet hi - fil-kaz odjern, kenn u protezzjoni mill-Pulizija.

Illi in oltre, jirrizulta pprovat u anke ammess mill-istess minuri, illi *omissis A* kienet qalet liz-zewg imputati li hija kienet adulta, u cioe' 'l fuq minn tmintax-il sena u kienet kwazi se taghlaq dsatax-il sena.

Illi l-Qorti taghraf ukoll, wara li kellha l-opportunita' tisma' x-xhieda ta' *omissis A*, u tevalwa l-manjiera li biha kienet

tikkomporta ruhha waqt din ix-xhieda, illi filfatt *omissis A* facilment tghaddi bhala tfajla ta' tmintax-il sena, u dan mhux biss minhabba d-dehra fizika taghha, izda minhabba l-manjiera u l-imgieba taghha.

Illi di piu', din il-Qorti ma sabet l-ebda tracca ta' prova illi l-esperjenza illi *omissis A* kellha maz-zewg imputati, filfatt, hallielha xi effett aktar korrussiv minn dak il-livell imwiegher li l-minuri *omissis A* tidher li sfortunatament, diga' lahqet.

**Din il-Qorti waslet ghal dan il-pronunzjament b'responsabbilita' u anke b'temerezza kbira.** Infatti, hija pronunzjament illi qatt, qabel illum, ma waslet ghaliha din il-Qorti. Eppure, hija verita' li wiehed ma jistax jahrab minnha, illi *omissis A* hija persuna li tfittex l-avventuri sesswali ma' rgiel, kellha bosta kongungimenti sesswali ma' rgiel, minkejja l-eta' giovannili taghha.

Illi ghaldaqstant, din il-Qorti ma jidhrilhiex illi tista' tinstab htija fuq it-tieni akkuza fil-konfront tal-korruzzjoni ta' *omissis A*.

Il-Qorti issa sejra tghaddi ghall-kwistjoni ta' korruzzjoni o meno tal-minuri *omissis B* ta' *omissis* sena, miz-zewg imputati.

Il-Qorti sejra tindirizza l-ewwel il-provi fuq din l-akkuza fil-konfront ta' l-imputat Ashraf Abobakir Ash-hab.

Il-Qorti tibda' biex tippreciza illi ghar-rigward ta' l-akkuzi ta' korruzzjoni ta' minorenni fil-konfront tal-minuri *omissis B*, din il-Qorti kellha diffikulta' kbira u kienet imxekkla bil-fatt illi *omissis B*, ghal diversi ragunijiet sfortunati, ghazlet li ma tiddeponix direttament fuq dak li gara fil-'flat' ta' l-imputati, u l-Qorti kellha biss ix-xhieda ta' *omissis A* u x-xhieda ta' missierha *omissis C*, ta' ohtha *omissis D*, tal-membri tal-Pulizija u Social Workers illi kienu tkellmu mal-minuri a tempo vergine.

Fin-nuqqas ta' 'direct evidence', jew dak imsejjah 'primary evidence', din il-Qorti trid timxi b'kawzjoni kbira, u trid tkun

assigurata li jikkonkorru **cirkostanzi specjali** biex tammetti **eccezzjonalment** ‘hearsay evidence’ (ara Appell Kriminali Inferjuri Il-Maesta Tieghu r-Re vs Karmenu Vella, deciza fit-3 ta’ Dicembru 1947 per Judge William Harding).

Din il-Qorti tifhem illi dawn ic-cirkostanzi specjali, infatti, jikkonkorru f’dan il-kaz. Dan qed jinghad ghaliex *omissis B* ma ddeponietx minhabba diversi fatturi li din il-Qorti temmen li huma konsegwenzi tat-trawma li hija batiet fl-incident mertu ta’ l-akkuza, kif ukoll minhabba t-tharbit fit-trobbija taghha, u fl-isfond tal-mizuri li kellhom jittiehdu ghall-istess protezzjoni taghha, fejn hija kellha tinfatam mill-‘familja’ taghha, titpogga f’Mount Carmel sakemm tirkupra mentalment, fejn ma setghetx ikollha l-konfort tal-membri tal-familja taghha minhabba dawn il-proceduri kriminali odjerni.

Dan l-stat ta’ fatt qanqal f’*omissis B* rabja kbira ghad-dirigenti ta’ l-isptar, ghat-tobba taghha, u b’mod specjali anke ghall-awtorita’ tal-Qorti u l-awtorita’ tal-Pulizija, li fil-fehma taghha, kienu kollha qeghdin jikkonfoffaw biex jizolawha minn kulhadd.

**Din il-Qorti tixtieq tippreciza illi s-sens ta’ abbandun totali ta’ *omissis B* <u>kienet wahda tangibbli</u>.**

Illi ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti taghraf illi f’dan il-kaz eccezzjonali, ikun ghaqli u xieraq illi l-Qorti tammetti ‘secondary evidence’, u timxi b’kawzjoni kbira.

Illi l-provi fil-konfront ta’ l-akkuza ta’ korruzzjoni ta’ minorenni kontra l-imputat Ashraf, ghal dak li jirrigwardja l-minuri *omissis B*, mhumiex konformi jew inekwivoci, tali li din il-Qorti tista’, in koxxenza, tasal ghal konvinciment morali fuq htija. Dan qed jinghad ghaliex filwaqt illi *omissis A* mhijiex konsistenti fl-asserzjoni taghha, u cioe’, li hija kellha kongungiment karnali ma’ l-imputat Ashraf fil-prezenza ta’ *omissis B*. Di piu’, filwaqt li jidher illi z-zewg imputati kellhom x’jaqsmu ma’ *omissis A* fil-prezenza ta’ *omissis B* (ara xhieda ta’ WPC Charlotte Cutajar li hadet l-istqarrija ta’ *omissis B*, u Christianne Sammut Social

Worker fl-Agenzija Appogg), *omissis C*, fix-xhieda tieghu, isemmi illi *omissis B* qaltilhom illi *omissis A* qaltilhom li kellha x'taqsam **ma' ragel wiehed fil-'flat',** li tieghu *omissis B* kienet prezenti. *Omissis D* wkoll tasserixxi illi *omissis B* rat kongungiment karnali ma' **wiehed mill-imputati**.

Illi di piu', f-istqarrija ta' l-istess imputat Ashraf Abobakir M. Al Ash-hab, jinnega b'mod vociferu li saru xi atti sesswali bejnu u bejn *omissis A* fil-prezenza ta' *omissis B*.

Illi in oltre, din il-Qorti taghraf illi l-analizi ta' DNA Profiling u ta' 'acid phosphetates' eskludew addirittura lill-imputat Ashraf Abobakir M. Al Ash-hab.

Illi ghal dawn il-motivi, u minkejja li hemm ammont konsiderevoli ta' 'secondary evidence' kontra l-imputat Ashraf Abobakir, il-Qorti taghraf li daqshekk iehor jikkonkorri l-ezistenza ta' 'secondary evidence' u anke 'primary evidence' li jeskolpaw l-istess imputat, jew almenu, jitfghu dubji ragjonevoli.

Hija l-fehma ta' din il-Qorti li sejbien ta' htija fil-konfront ta' l-imputat Ashraf Abobakir M. Al Ash-hab, ghal korruzzjoni ta' minorenni tal-minuri *omissis B*, ikun 'unsound', 'unwise' and 'unjust'.

Illi ghall-kuntrarju, is-'secondary evidence' fil-konfront ta' Murad Mohamed Atta huwa konformi u inekwivoku mix-xhieda kollha tal-kaz. Infatti, ix-xhieda kollha turi li kien l-imputat Murad Mohamed Atta li ltaqa' maz-zewg minuri u li stedinhom id-dar, u li prezenta lill-ko-imputat Ashraf 'a fait accomplie' u kien hu illi inizja l-avvanzi sesswali fuq *omissis A* fil-prezenza ta' *omissis B*.

Fuq l-insenjament tal-gurisprudenza citata aktar 'l fuq, jirrizulta ampjament illi kongungiment karnali fil-prezenza ta' minuri ta' tnax-il sena jikkostitwixxi atti di libidine li kapaci jikkorrompi minuri ta' dik l-eta'. Infatti, **din il-Qorti kellha evidenza tangibbli tal-manjiera li biha din it-tifla giet trawmatizzata**. L-eskluzzjoni ta' l-imputat Murad permezz ta' DNA Profiling, wahedha, mhijiex biss

sufficjenti biex tiskolpixxi l-imputat, stante li b'semplici kontracezzjoni, ma jkunx hemm fluwidi ta' semene ghal komparazzjoni.

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti ssib lill-imputat Ashraf Abobakir M. Al Ash-hab mhux hati skond l-akkuzi dedotti kontra tieghu u tilliberah, waqt li ssib lill-imputat Murad Mohamed Atta mhux hati ta' l-ewwel akkuza li minnha tilliberah, mhux hati ta' l-akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni fil-konfront ta' *omissis A* ghal ragunijiet fuq imsemmija, izda hati ta' korruzzjoni ta' minorenni fuq *omissis B*, u wara li rat l-Artikolu 203(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal sentejn prigunerija, li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li fih l-imputat ghamel f'arrest preventiv.

In oltre, tqieghed lil *omissis B* taht Ordni ta' Protezzjoni, ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-ahharnett, din il-Qorti tordna li l-imputat Murad Mohamed Atta ihallas l-ispejjez inkorsi f'perizji f'dan il-kaz, ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------